MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 334/2003

**Avviz numru 334/03 DM**

**Edwin Gruppetta**
**Vs**
**Mario Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' C & X Company Limited, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut nomine, ghall-hlas tas-somma li dina l-Qorti giet mitluba tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, in linea ta' servigi debitament rezi lill-konvenut mill-istess attur u dan in konnessjoni mal-bejgh tal-fond numru 9, Pjazza Rotunda, Mosta, lis-socjeta' APS Bank Limited, maghmul fl-atti tan-nutar Marco Farrugia fl-10 ta' Awissu, 2001, liema servigi l-konvenut stess ipprometta lill-attur.

Bl-ispejjez legali, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Frar, 2003, notifikata permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Marzu, 2003, u ta' l-ittri bonarji datati 3 ta' Jannar, 2003, 11 ta' Jannar, 2003, 17 ta' Marzu, 2003, u 27 ta' Marzu, 2003, u bl-interessi legali mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza gie minn issa dikjarat illi s-somma mitluba ma teccedix hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. In linea preliminari l-kawza kontra s-socjeta' C&X Company Limited ma tistax tissusisti stante li sa fejn jaf l-eccipjenti dina giet *dissolved* u *struck off*. Apparti minn hekk l-eccipjenti kien ilu zmien ma jkun rapprezentant guridiku tas-socjeta' C&X Company Limited.
2. In linea preliminari wkoll l-eccipjenti Mario Camilleri ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-fatt l-eccipjenti Mario Camilleri *proprio* kien estraneju ghall-kuntratt ta' bejgh li fuqu l-attur qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu.
3. Fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-eccipjenti zgur li ma ghandu jhallas xejn lill-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenut, billi jirrizulta biss kemm mid-deposizzjoni ta'

Mario Camilleri u kif ukoll mid-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur tieghu fis-26 ta’ April, 2005, illi l-kumpanija C & X Company Limited ghada rregistrata u ghad ghandha personalita’ guridika distinti u separata, din ghalhekk tista’ tigi mharrka in gudizzju, rrispettivament minn kull kontestazzjoni dwar l-identita’ ta’ dik il-persuna illi ghandha rapprezentanza gudizzjarja. Ghalhekk huwa sufficjenti ghall-finijiet ta’ dan il-gudizzju illi l-kumpanija konvenuta tkun giet citata bl-isem irregistrat ta C & X Company Limited minghajr ebda thiega ta indikazzjoni dwar min ikun ir-rappresentant taghha fid-diversi stadji ta’ l-gudizzju.

Ghaldaqstant qeghda tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet, kollox jiddependi minn ezami akkurat tal-fatti illi fuqhom l-attur qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu.

Mill-provi ta’ l-attur jirrizulta illi fiz-zmien illi huwa kien jokkupa l-kariga ta’ General Manager tal-Bank APS ghall-habta tal-Milied tas-sena 1999, kien gie avvicinat minn Mario Camilleri l-konvenut li kien ghamel proposta lill-istess attur fil-kwalita tieghu ta rappresentant tal-Bank li mieghu kien impjegat, permezz ta’ liema proposta l-attur offra ghall-bejgh lill-Bank il-fond numru 9, Pjazza Rotunda, fil-Mosta.

Kif obbligat li jaghmel stante l-kariga tieghu mal-Bank APS, il-konvenut ressaq din il-proposta lill-‘Board’ tal-Bank u wara li l-istess attur kien accerta ruhhu illi l-akkwist ta’l-proprjeta’ tal-konvenuti kien fl-interess u a beneficcju tal-Bank huwa kien, fl-ambitu’ tad-dover tieghu ta’ impjegat tal-Bank, irrakkomanda favorevolment lid-dirigenti ta’ l-istess Bank l-akkwist tal-proprjeta’ tal-konvenuti.

L-istess attur jikkonferma illi l-kontribut tieghu fin-negozju li sehh bejn il-konvenuti u l-Bank kien jikkonsisti fl’esekuzzjoni ta’ doveri minnu mistennija li, fi kliemu stess “*kienu fil-mansjoni tieghi illi jien nimmeljora l-pozizzjoni tal-Bank u anke nsib proposti li jistghu jkunu ta’*

*beneficcju………u jiena accettajt proposta tal-konvenut peress illi deherli illi kienet offerta tajba ………jiena ma kontx qed nagixxi ta' sensar u ghalhekk id-drittijiet ta' senserija ma japplikawx ghalija*."

Ghalhekk billi jirrizulta konklussivament illi l-intervent ta' l-attur fin-negozju bejn il-konvenuti u l-Bank APS kienet biss maghmula fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant ta' l-istess Bank u in esekuzzjoni ta'd-dmirijiet tieghu bhala tali rapprezentant u billi l-agir tieghu kien dettat esklussivament mill-obbligu principali tieghu illi jissalvagwardja esklussivament l-interessi tal-Bank ma' min kien impjegat, kif suppost, jirrizulta illi f'ebda mument l-attur ma rrenda xi servizz lejn il-konvenuti.

Izda l-attur, nonostante illi jafferma illi huwa kien ressaq il-proposta tal-konvenuti lill-Board tal-Bank APS ghaliex deherlu illi tali proposta kienet favorevoli ghall-istess Bank u kien fl-interess ta' l-istess Bank li jakkwista l-proprjeta', isosstni wkoll illi l-pretensjoni ghall-kumpens hija bbazata purament fuq il-pass li ha biex wassal il-proposta tal-konvenuti quddiem il-Board tal-Bank.

Pero', lanqas ma jirrizulta illi quddiem il-Board ta' l-istess Bank l-attur ghamel xi haga ohra li tmur oltre dak li kien mistenni minnu in esekuzzjoni tad-doveri tieghu bhala Manager ta' l-istess Bank biex jinfluwixxi fuq il-Board biex jiehu decizjoni favorevoli ghall-proposta tal-konvenuti.

Infatti jirrizulta wkoll illi l-Board tal-Bank kien iddecieda li jakkwista l-proprjeta' tal-konvenuti meta l-attur lanqas biss ma kien ghadu mpjegat ta' l-istess Bank u l-kuntratt finali nfatti sar fl-10 ta' Awissu, 2001.

Ghalhekk it-talba tal-konvenut ma tistghax treggi meta bbazata biss fuq il-pretensjoni illi hu ghandu jigi kkumpensat ghal xi servizzi illi huwa setgha rrenda favur il-konvenuti, kemm ghaliex ma rrenda ebda servizz favur il-konvenuti billi l-intervent tieghu ma kienx dettat mill-prospett ta' gwadann personali a detriment ta' l-Bank izda kien mghamul esklussivament fl-interess u in rapprezentanza tal-Bank ma' min kien impjegat u anke

ghaliex, ghal kwalunkwe servizz illi huwa ta in konnessjoni ma' tali proposta tal-konvenuti huwa kien gie kkumpensat mill-Bank li kien jimpjegah billi dawk is-servizzi kienu kollha komprizi fid-doveri illi huwa kellhu jaqdi favur il-Bank li kien jimpjegah u minn ghand min kien jithallas is-salarju pattwit.

Izda l-attur matul id-deposizzjoni tieghu jmur oltre l-pretensjoni ta' kumpens ta' servigi resi favur il-konvenuti u jsostni li ghandu jigi kkompensat a bazi biss ta' ftehim verbali li sar bejnu u bejn il-konvenut Mario Camilleri, anke in rappresentanza tal-kumpanija C & X Company Limited li effettivament kienet il-proprjetarja tal-fond mixtri mill-Bank, liema ftehim isosstni illi mmatura bil-kliem biss tal-konvenut li kien iprometta illi "*jekk isir dan il-bejgh kien se jahseb fija*".

Apparti l-fatt illi tali diskors huwa kategorigament michud mill-konvenut, lanqas ma jirrizulta illi l-attur stess kien accetta tali proposta. Inoltre, billi lanqas ma jirrizulta xi ftehim dwar kif kellu jimmanifesta ruhu il-hsieb tal-konvenut, la dwar x'kien l-ammont li setgha kien intiz li kellu jithallas u lanqas dwar il-modalita' ta' tali pagament, jew dwar kif setgha jista' jigi kkalkolat, il-Qorti ssib illi l-attur ma wasalx ghall-prova minnu rikjesta li jistabbillixxi l-ezistenza ta' xi ftehim mal-konvenut li abbazi tieghu huwa jista' jitlob xi kumpens ta' flus minn ghand il-konvenuti talli kien qeghda id-dmirijiet tieghu bhala Manager tal-Bank li kien jimpjegah.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenuti u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------